MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 239/2000/1

**Francis u Agnes konjugi Fenech**

**vs**

**Charles u Miriam konjugi Buhagiar**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:

Illi l-attur Francis Fenech gie inkarikat mill-konvenuti jahdmilhom ix-xoghol ta’ bini ta’ villa fil-Mellieha, bil-prezzijiet indikati fid-Dok F, hawn anness, u skond il-pjanta Dok P hawn annessa;

Illi kif jidher mill-anness prospett markat Dok S, il-kontijiet kollha inkluz il-VAT u l-ETS, kienu jammontaw ghal wiehed u hamsin elf, disa’ mija u disgha u hamsin lira maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm51959.53) li minnhom, kif jidher mill-anness Dok CB, il-konvenuti hallsu akkont f’diversi pagamenti s-somma ta’ Lm45386.33 u, ghalhekk, ghadu minnhom dovut il-bilanc ta’ sitt elef, hames mija u tlieta u sebghin lira maltin u ghoxrin centezmu (Lm6573.20);

Illi l-konvenuti baqghu inadempjenti nonostante interpellazzjoni ufficjali tal-25 ta’ Novembru 1999, debitament lilhom notifikata;

Talbu ghalhekk li l-konvenuti jghidu ghaliex dina l-Qorti, in vista tal-premess, m’ghandiex:-

(1) tikkundannhom ihallsu lill-atturi s-somma ta’ sitt elef u hames mija u tlieta u sebghin lira maltin u ghoxrin centemzu (Lm6573.20) bilanc minn somma akbar dovut lill-attur ghal-xoghol ta’ bini ta’ villa li sar f’interess u fuq inkarigu tal-konvenuti okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra tal-25 ta’ Novembru 1999 tal-mandati kawtelatorji ta’ qbid u sekwestru prezenti konteswalment, bl-imghaxijiet legali mill-25 ta’ Novembru 1999 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjonji;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit illi t-talba attrici kif dedotta hi nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi fil-kontijiet esebiti mill-atturi hemm zbalji fil-kejl u kif ukoll gew applikati rati ghola minn dawk li gew imsemmija qabel ma beda x-xoghol u/jew li m’humiex ragonevoli u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Gunju 2001 li bih l-AIC Michael Angelo Refalo gie nominat bhala perit tekniku bil-fakolyajiet kollha soliti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Marzu 2002 li bih gie sostitwit il-perit tekniku u gie nominat minflok l-AIC Joseph Ellul Vincenti bl-istess fakoltajiet;

Rat ir-rapport tal-abbli perit tekniku presentat u debitamnent konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tat-28 ta' Ottubru 2003;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet diffrita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fic-citazjoni l-atturi jippremettu li l-attur Francis Fenech gie inkarikat mill-konvenuti biex jghamel xoghol ta' bini ta' villa fil-Mellieha u dana skond il-prezzijiet miftiehma bejn l-istess partijiet. L-atturi jkomplu jippremettu li l-konvenuti ghad ghandhom ihallsu bilanc ta' sitt elef, hames mija u tlieta u sebghin lira maltin u ghoxrin centezmu (Lm6573.20). Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu l-imsemmi bilanc;

Il-konvenuti qed jeccepixxu li fil-kontijiet esebiti mill-atturi hemm zbalji fil-kejl u kif ukoll gew applikati rati ghola minn dawk li gew imsemmija qabel ma beda x-xoghol u/jew li m'humiex ragonevoli;

Fil-kors ta dawn il-proceduri gie nominat bhala perit tekniku l-AIC Joseph Ellul Vincenti. L-abbli perit tekniku ppresenta r-rapport tieghu fejn ikkonsidra li r-rati uzati huma giusti u dawk tas-suq. Ikkonsidra ukoll li l-partijiet ma ftehmu xejn rigward jekk it-taxxa (VAT/ETS) kinitx inkluza fl-istess rati.  Fl-ewwel kont pero' kien gie mizjud 15% VAT.  Ghalhekk il-konvenut, f'dak l-istadju sar li ir-rati

miftehma ma kienux jinkludu t-taxxa. Il-konvenut, pero', ma lmentax u baqa jhallas l-akkonti minghajr ma kien hemm kjarifika dwar din il-kwestjoni tat-taxxa. Jidher ukoll li l-usanzi hi li jekk ma jigix specifikat li t-taxxa hi inkluza fir-rati konsegwentement l-istess taxxa trid tithallas separatament. Il-perit tekniku kkonsidra ukoll li l-konvenut kien accetta l-kejl kif mghamul b'xi eccezzjonijiet;

Il-perit tekniku ghalhekk kkonkluda li jirrizulta li kienu hargu diversi kontijiet waqt li x-xoghol kien ghaddej u l-konvenut qatt ma lmenta dwar dawn il-kontijiet u ghalhekk il-konvenut accetta kemm il-ftehim kif ukoll l-istess kontijiet u li dawn ma kinux jinkludu t-taxxa. Il-konvenut ipprotesta dwar ir-rati tal-skwerer foloz u tax-xoghol bil-gurnata. Dawn ir-rati pero' skond il-perit tekniku kienu gusti u dovuti. Is-somma ta' Lm99 ghat-tindif ta' l-ewwel sular mhux dovuta u trid titnaqqas mill-kont finali. Il-perit tekniku ghalhekk ikkonkluda li s-somma dovuta mill-konvenut lill-attur ghax-xoghol in kwestjoni hi ta' sitt elef erba mija u erba u sebghin liri maltin u ghoxrin centezmu (Lm6474.20);

Il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-kostatazzjonijiet li ghamel il-perit tekniku kif ukoll dwar il-konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-istess perti tekniku. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha partiklari tal-kaz u tar-risultanzi dawn il-kostatazzjonijiet u konkluzjonijiet jirrizultzw fondati u ragjonevoli. Ghalhekk il-Qorti qed taddotthom u tghamillhom taghha;

In vista tal-premess it-talbiet attrici ghandhomi jigu akkolti pero' sas-somma ta' sitt elef erba mija u erba u sebghin liri maltin u ghoxrin centezmu (Lm6474.20);

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kollha attrici pero' limitatament ghas-somma ta' sitt elef erba mija u erba u sebghin liri maltin u ghoxrin centezmu (Lm6474.20) u ghalhekk tikkundanna l-konvenuti jhallsu lill-atturi l-istess somma ta' Lm6474.20 bilanc minn somma akbar dovut lill-atturi ghal-xoghol ta' bini ta' villa li sar f'interess u fuq inkarigu tal-

konvenuti u dana bl-imghaxijiet kollha legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni lil-konvenuti sad-data tal-efettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------